MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## JACQUELINE PADOVANI

Seduta tal-25 ta' Settembru, 2003

Numru. 515/2003

PULIZIJA
SPETTUR ABRAHAM ZAMMIT
VS
FRANCIS AGIUS

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat Francis Agius ta' 31 sena bin Carmelo u Gaetana nee Attard (mejta) imwieled Pieta fit-13 ta' Novembru 1973 joqghod numru 1st October, triq It-Tigrija, Marsa u detentur ta' karta tal-identita b'numru 513473M talli fit-23 ta' Marzu 1999 u f'xur ta' qabel din id-data mill-Marsa, b'diversi atti maghmulin minnu wkoll, jekk fi zminijiet differenti u b'risoluzzjoni wahda, ikkommetta serq ta' inbid li l-valur tieghu jeccedi l-mitt lira maltin izda mhux l-elf lira maltin ghad-dannu ta' ditta Emanuel Delicata fil-Marsa, liema serq hu aggravat, bil-valur, hin u persuna.

Talli fl-istess perjodu u cirkostanzi xjentement laqa ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq jew

akkwistati b'reat, sew jekk dan sar f'Malta kif wkoll barra minn Malta, jew xjentement b'kull mod li jkun, indahal biex ibieghhom jew biex imexxihom.

Semghet ix-xhieda bil-gurament.

Rat id-dokumenti esebiti, l-atti kollha tal-kaz.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali u tal-imputat sabiex il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja.

Rat il-verbal tal-25 ta' Settembru 2003 fejn l-imputat ammetta ghall-akkuzi kif dedotti fil-konfront tieghu.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Ikkunsidrat:-

Fuq l-istess ammissjoni din il-Qorti ssib lill-imputat hati skond l-akkuza u wara  li rat Art 261, 267, 268 u 270 tal-kap 9 u Art 22 tal-kap 446 u tillibera lill-imputat bil-kondizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien sentejn.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------